# IT-TIELET PARTI —

# QORTI TAL-KUMMERĊ

**24 ta' Jannar, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Captain Joseph Mizzi noe

*versus*

Anthony De Carlo

**Azzjoni kambjarja — Eċċezzjonijiet.**

*B'liġi espressa eċċezzjonijiet ta' indaġini twila bħal dik opposta mill-konvenut ma jistgħux jirritardjaw il-ħlas ta' kambjala skaduta. Il-Qorti għandha tordna l-pagament, b'kawżjoni jew mingħajrha, u tirrimetti l-konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet għal ġudizzju separat.*

Il-Qorti:— Rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur nomine talab li l-konvenut jiġi minn din il-Qorti kkundannat li jħallas lilu s-somma ta' mija u tminja u sittin lira (£168) ammont komplessiv ta' wieħed u għoxrin (21) draft ta' tmien liri (£8) il-waħda li skadew rispettivament draft kull xahar, fl-aħħar ġurnata ta' kull xahar, mit-tletin (30) ta' April, 1961 sal-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru, 1962, (Dok. 1 sa 20). Bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż;

Rat id-dokumenti prodotti ma' l-att ta' ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li ssottometta

illi hu m'għandux jagħti ħlief sbatax-il lira (£17) għaliex għandu jieħu mingħand l-attur mija u wieħed u ħamsin lira (£151) u dan qatt ma ċaħadhomlu u lanqas ma ġie qatt imsejjaħ iħallashom u kwindi pprotesta kontra l-ispejjeż kollha kaġjonati;

Omissis;

Tikkunsidra:

Illi l-konvenut jippretendi li għandu jieħu mingħand l-attur is-somma ta' mija u wieħed u ħamsin lira (£151) u għamillu kawża għalihom (ċitaz. Nru. 624/62) li għadha pendenti quddiem din il-Qorti; mill-liema kawża jirriżulta li l-attur (konvenut f'dik il-kawża) għamel opposizzjoni għal pretensjoni tal-konvenut (attur f'dik il-kawża);

Illi b'liġi espressa eċċezzjonijiet ta' indaġini twila bħal dik opposta mill-konvenut ma jistgħux jirritardaw il-ħlas ta' kambjali skaduta. Il-Qorti għandha tordna l-pagament, b'kawżjoni jew mingħajrha, u tirrimetti l-konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet għall-ġudizzju separat;

Billi fil-każ preżenti l-konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni ġia qegħda tiġi konsiderata fil-kawża fuq indikata;

Tiddeċiedi a tenur tat-talbiet ta' l-attur "nomine" u kwindi tikkundanna l-konvenut biex iħallas lill-istess attur "nomine" is-somma mitluba, prestata mill-attur "nomine" fl-isem tiegħu proprju l-obbligazzjoni fl-atti ta' din il-Qorti li jirrestitwixxi kull ammont li l-konvenut ikun ħallsu jekk l-istess konvenut jottieni esitu favorevoli fil-kawża fuq riferita, sal-konkorrenza li jiġi f'dik il-kawża akkordat lill-konvenut.

L-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu provisorjament mill-

konvenut, salv id-dritt ta' dan li jirripetihom mingħand l-attur "nomine", kollha jew in parti, jekk ikun il-każ skond il-liġi u skond l-esitu tal-kawża fuq imsemmija.